# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**PRESIDENT**

**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 27 ta' Frar, 2023.**

**Numru 1**

**Rikors maħluf numru 347/22/1**

Fl-atti tar-rikors għal ritrattazzjoni: nru 945/05/2

***Middlesea Insurance plc*,**
**illum *Mapfre Middlesea plc***

***v.***

***Falcotrans Limited*; *Thomas Smith & Co. Limited* bħala aġenti f'isem *Allways Freight Limited* li b'dikriet tal-10 ta' Ottubru 2006 ġie korrett għal *Allways Freight UK Limited* u *Allways Groupage*; *Anthony Falzon & Sons Limited*; u *Francis Zammit & Brothers***

1. Dan il-provediment huwa dwar talba tal-konvenuta *Falcotrans Limited* ["*Falcotrans*"] magħmula b'rikors tat-2 t'Awissu 2022 taħt l-art. 823 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili biex din il-qorti tordna t-

twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza mogħtija minnha fis-7 ta' Marzu 2022 sakemm jintemmu l-proċeduri ta' ritrattazzjoni ta' dik is-sentenza.

2. L-art. 823 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid hekk:

> »**823.** (1) It-talba għar-ritrattazzjoni ma twaqqafx l-esekuzzjoni tas-sentenza attakkata.
>
> »(2) B'dak kollu li hemm fid-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1), il-qorti li quddiemha tintalab ritrattazzjoni tista', ad istanza, b'rikors … tal-parti li tagħmel dik it-talba, tordna t-twaqqif ta' esekuzzjoni tas-sentenza jekk -
>
> »(*a*) flimkien mat-talba tagħha dik il-parti tagħti garanzija tajba għall-esekuzzjoni tas-sentenza, jekk ma tiġix imħassra, magħduda dik il-garanzija kif imsemmija fl-artikolu 266 (10); u
>
> »(*b*) jiġi muri għas-sodisfazzjon tal-qorti illi l-esekuzzjoni tas-sentenza aktarx tikkaġuna preġudizzju akbar lil dik il-parti milli t-twaqqif tal-esekuzzjoni tkun tikkaġuna lill-parti kuntrarja.
>
> »… … …«

3. L-art. 266(10) igħid illi "garanzija tajba għall-esekuzzjoni tas-sentenza" tkun waħda li fiha tkun ukoll "magħduda, meta l-ħaġa tirriferixxi għall-ħlas ta' flejjes, garanzija għall-ħlas ta' mgħax".

4. Is-sentenza attakkata ikkonfermat is-sentenza mogħtija fl-ewwel grad fl-4 ta' Mejju 2016 illi kienet ikkundannat lil *Falcotrans* tħallas lil *Mapfre Middlesea plc* s-somma ta' mija u sitta u sittin elf, tmien mija u sebgħa u għoxrin euro u disgħin ċenteżmu (€166,827.90), flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq dik is-somma b'seħħ mit-22 ta' Marzu 2006 sa meta jsir il-ħlas, u kif ukoll l-ispejjeż tal-kawża.

5. Sabiex tagħti l-garanzjia li trid il-liġi *Falcotrans* iddepożitat b'ċedola s-somma ta' tnax-il elf, ħames mija u erbgħa u sebgħin euro u erbgħin ċenteżmu (€12,574.40) biex tagħmel tajjeb għall-ispejjeż ta' *Mapfre*

*Middlesea plc*, li hija biss waħda mill-partijiet illi s-sentenza attakkata ikkundannat lil *Falcotrans* tħallsilhom l-ispejjeż.

6. Huwa ovvju li din il-garanzija ma hijiex biżżejjed: il-garanzija kellha tkun għas-*sorte* kif likwidat fis-sentenza attakkata, l-imgħaxijiet u l-ispejjeż tal-partijiet l-oħrajn kollha fil-kawża u mhux ta' waħda minnhom biss. Biex titwaqqaf l-esekuzzjoni tas-sentenza attakkata jridu jitħarsu fis-sħiħ iż-żewġ kondizzjonijiet imsemmija fil-para. (*a*) u (*b*) tal-art. 823(2) u mhux biss parti – relativament żgħira – ta' waħda minnhom.

7. Billi għalhekk ma tħarsux f'kollox il-kondizzjonijiet li jrid l-art. 823(2) it-talba għat-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza attakkata ma tistax tintlaqa' u hija miċħuda.

8. L-ispejjeż ta' dan l-episodju tħallashom *Falcotrans*.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Anthony Ellul<br>Imħallef | Robert G.Mangion<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da